# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 62/2018 RM**

**I Trading Solution S.r.l**

**-vs-**

**Giodani Limited (C54947)**

**Illum, 18 ta' Gunju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Marzu 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hdax–il elf ewro (€11,000), rapprezentanti l-prezz minnha dovut fuq il-fatturi numru 34, 50 u 62 ghall-provvista ta' servizzi, drittijiet u prodotti informatici lilhom issupliti fuq taghha stess.

Bl-imghax dekorribbli mill-1 ta' Gunju 2017 u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 561/2018 u bl-ingunzjoni biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjeta` konvenuta Giodani Limited, ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' April 2018 fejn ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:-

"*1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan stante illi s-servizzi illi kellhom jigu rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' esponenti ma gewx rezi fl-intier taghhom u f'kull kaz ma nghatawx skond l-arti u s-sengha;*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."*

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha rriduciet is-somma mitluba fir-Rikors promotur ghas-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) stante ftehim parzjali bejn il-partijiet;

Semghet ix-xhieda ta' Davide Ruggieri[1] u rat ix-xhieda ta' Alessandro Fried imressqa bil-procedura tal-Affidavit[2];

Rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2020 annessa maghha skrittura privata ta' transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fis-26 ta' Frar 2020 li permezz taghha huma ttransigew il-mertu ta' din il-kawza u l-kap tal-ispejjez;

[1] 8 ta' Novembru 2018.
[2] Permezz ta' nota tat-8 ta' Novembru 2018, fol. 20 *et seq.*

Rat ukoll it-talba konguntiva tad-difensuri tal-partijiet maghmula waqt l-istess udjenza tal-10 ta' Marzu 2020 sabiex din il-kawza tigi deciza abbazi tal-iskrittura ta' transazzjoni tas-26 ta' Frar 2020;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti get mitluba mill-partijiet sabiex tiddeciedi din il-kawza abbazi ta' u skont it-termini u kundizzjonijiet maqbula bejniethom fl-iskrittura privata ta' transazzjoni datata 26 ta' Frar 2020, redatta bil-lingwa Ingliza u esebita in atti a fol. 79 sa 81, liema skrittura l-partijiet iridu li tigi meqjusa bhala parti mis-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti.

Minn ezami tal-istess skrittura jirrizulta illi l-partijiet ittransigew il-mertu ta' din il-kawza billi ftiehmu li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' sebat elef mitejn u hamsin Euro (€7,250) a saldu ta' kull pretensjoni naxxenti minn din il-kawza, liema somma tinkludi wkoll l-ispejjez legali u gudizzjarji tal-proceduri odjerni. Ftiehmu wkoll illi l-imsemmija somma ghandha tithallas bejn Marzu 2020 u Settembru 2020 permezz ta' seba' rati mensili ta' elf Euro (€1,000) kull wahda, hlief ghall-ahhar wahda li ghandha tithallas f'Settembru 2020 fis-somma ta' elf mitejn u hamsin Euro (€1,250). Kull wiehed minn dawn il-pagamenti ghandi jsir mhux iktar tard mill-ghaxar jum tax-xahar li fihom huma dovuti. Gie miftiehem ukoll illi fl-eventwalita` li s-socjeta` konvenuta tonqos milli thallas puntwalment xi wahda mill-pagamenti mensili kif miftiehem, il-bilanc shih li jkun ghadu dovut, isir dovut hekk kif jintbaghat avviz bil-miktub mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta` u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li taghmel referenza ghall-iskrittura privata konkluza bejn il-partijiet fis-26**

**ta' Frar 2020[3] li biha giet transatta din il-kawza, liema skrittura qieghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma u tigi meqjusa bhala parti integrali minnha, tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef mitejn u hamsin Euro (€7,250) permezz ta' seba' (7) pagamenti mensili, bil-modalitajiet u skont it-termini specifikati fl-istess skrittura ta' transazzjoni, u wkoll bil-kundizzjoni illi fl-eventwalita` li s-socjeta` konvenuta tonqos milli thallas puntwalment xi wahda mill-pagamenti mensili kif miftiehem, il-bilanc shih li jkun ghadu dovut, isir dovut hekk kif jintbaghat avviz bil-miktub mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta.**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet galadarba l-partijiet ftiehmu li dawn jinsabu inkluzi fis-somma komplessiva li ghandha tithallas mis-socjeta` konvenuta ai termini tal-iskrittura ta' transazzjoni.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[3] Esebita b'nota tal-10 ta' Marzu 2020, fol. 78, 79, 80 u 81.